MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2010

Citazzjoni Numru. 68/2010

**Korporazzjoni Intrapriza ta' Malta**

**Vs**

**Bryvarc Limited**

Permezz ta' din il-kawza l-Korporazzjoni attrici qeghda titlob il-hlas tas-somma ta' tmien mitt elef ewro (€800,000). Fir-rikors guramentat talbet li l-kawza tinstema' bid-dispensa tas-smiegh skond l-Artikolu 167 et sequitur tal-Kap. 12.

Fis-seduta tad-29 ta' Settembru 2010 deheru Matteo Massieri, impjegat tas-socjeta konvenuta u d-difensuri tal-istess kumpannija.

Id-difensur tal-Korporazzjoni attrici ddikjara li *"...... Matteo Massieri m'ghandux locus standi peress li ma jokkupax il-*

*kariga ta' direttur u lanqas mhu rapprezentant gudizzjarju tal-kumpannija konvenuta."*.

L-imsemmi impjegat kien xehed fis-seduta tad-29 ta' Settembru 2010 fil-kawza **Bank of Valletta plc vs Bryvarc Limited** (Rikors 67/2010) u kkonferma li hu responsabbli mill-qasma ta' manifattura. Jirrizulta li l-kumpannija konvenuta ghandha direttur wiehed, certu Antonio Faranda, li jghix barra minn Malta u ghandu r-rapprezentanza tal-kumpannija. Iddikjara wkoll li hu awtorizzat li jircievi atti gudizzjarji ghan-nom tal-kumpannija (ara l-verbal fl-istess kawza).

F'dan l-istadju ghadna qeghdin fl-istadju li jrid jigi determinat jekk ghandix tintlaqa' t-talba tas-socjeta konvenuta sabiex tinghata permess biex tipprezenta risposta guramentata u b'hekk tkun tista' tiddefendi ruhha.

L-Artikolu 170 tal-Kap. 12 jipprovdi li jekk il-konvenut jibqa' kontumaci, il-qorti tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talbiet tal-attur. Hu evidenti li l-Korporazzjoni attrici trid li l-qorti tghaddi biex taghti s-sentenza in kwantu qeghda ssostni li Massieri m'ghandux *locus standi* f'dan il-procediment, u ghalhekk il-kumpannija baqghet kontumaci. Irrispettivament dwar jekk Massieri giex inkarigat sabiex jidher fis-seduta tad-29 ta' Settembru 2010 bhala rapprezentant tal-kumpannija, il-qorti m'ghandix dubju li d-direttur tal-kumpannija ta inkarigu lill-avukati Dottor Edward Zammit Lewis u Dottor Adrian Camilleri sabiex jidhru ghan-nom tal-kumpannija u jaghtu ragunijiet ghalfejn ghandha tithalla topponi ghat-talbiet tal-Korporazzjoni attrici. Il-mandat m'hemmx ghalfejn ikun bil-miktub. Kieku l-qorti kellha tilqa' l-oggezzjoni tal-Korporazzjoni jkun ifisser li l-kumpannija konvenuta ser tigi mcahhda mill-opportunita' li tinstema' meta r-rapprezentant taghha hu assenti minn Malta, u meta l-ligi stess tikkontempla ghall-hatra ta' kuraturi fejn ir-rapprezentanti jkunu assenti minn Malta (Artikolu 929(d) tal-Kap. 12). Dan zgur li m'huwiex il-mod kif issir il-gustizzja. Ghalkemm id-difensur tal-Korporazzjoni attrici ghamel riferenza ghall-Artikolu 181(a)(2) tal-Kap. 12 li jipprovdi minn min jista' jigi prezentat att gudizzjarju ghan-

nom ta' kumpannija[1], il-kaz prezenti hu differenti. F'dan l-istadju tal-procediment il-kumpannija konvenuta ma pprezentat l-ebda att gudizzjarju u ghalhekk dan il-provvediment ma japplikax.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-oggezzjoni tal-Korporazzjoni attrici u tordna l-prosegwiment tal-kawza billi l-kumpannija konvenuta taghti r-ragunijiet ghalfejn it-talba ghad-dispensa mis-smiegh ghandha tigi michuda u tinghata l-opportunita biex topponi t-talba tal-Korporazzjoni attrici billi tipprezenta risposta guramentata.**

**Spejjez ta' dan id-digriet a karigu tal-Korporazzjoni attrici**.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[1] *"Kull dikjarazzjoni, jew skrittura li ghandha tinhalef skond il-ligi ghandha, fil-kaz ta' korp li jkollu personalità guridika distinta, tinhalef mill-persuna jew persuni li jkollhom ir-rappreżentanza guridika ta' dak il-korp jew minn kull segretarju tal-kumpannija jew minn kull persuna ohra li tkun awtorizzata bil-miktub minn dak il-korp sabiex tipprezenta atti gudizzjarji f 'ismu jew li jaghmel dikjarazzjoni, risposta guramentata jew skrittura bhal dawk imsemmija."*.